# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 608/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**ML**

**U**

**AL**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 17 ta' Novembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-Mellieha (Vide Dok A);*

2. *Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri datat tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) (vide Dok B);*

3. *Illi l-partijiet huma separati de facto minn Frar 2022 u qatt ma regghu rikonciljaw;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom zmien twil mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

6. *Illi l-ebda tfal ma twieldu minn dana z-zwieg;*

7. *Illi l-partijiet qeghdin jipprezentaw l-affidavit taghhom li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok ML01 u Dok AL01;*

8. *Illi dawn il-fatti surreferiti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu sitta u sittin ittra 'B' (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, il-kontendenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ML xehed** (vide affidavit Dok ML01 fol 10) illi l-partijiet izzewgu nhar id-19 ta' April 2009, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 3 ta' Gunju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonferma illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**AL xehdet** (vide affidavit Dok AL01 fol 11) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' April 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 266/2009 (Vide fol 3 certifikat taz-zwieg, Dok A). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-3 ta' Gunju 2022 (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 266/2009 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**